MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 57/2006

**Sliema Offices Services Limited**

**vs**

**Sanjcev Kumar**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Jannar 2006 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' elf tlett mija u sittin lira Maltija (Lm1360) dovuta ghal servizzi rezi lill-konvenut u ghal kiri ta' fond minghand l-istess socjeta attrici.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fil-25 ta' Lulju 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' elf tlett mija u sittin lira Maltija (Lm1360) b'l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------